

# Sinteżi għaċ-Ċittadin

## 'Qafas ta' Kwalità għall-Iskemi ta' Taħriġ'

### X'INHI L-KWISTJONI?

L-iskemi tat-taħriġ jistgħu jgħinu liż-żgħażaġħ sabiex ikunu aktar impjegabbli billi jservu ta' pass lejn id-dinja tax-xogħol. Madankollu, għadd ta' partijiet interessati qegħdin dejjem aktar juru t-tħassib tagħhom dwar l-effikaċja u l-kwalità tal-iskemi ta' taħriġ b'mod ġenerali, u tal-iskemi ta' taħriġ tas-suq miftuħ b'mod partikolari (jiġifieri dawk li jinvolvu biss lill-persuni f'taħriġ u min qed jipprovdi t-taħriġ, mingħajr ma jkun hemm stabbiliment edukattiv b'parti attiva fil-proċess). Studji u s'tħariġiet varji dan l-aħħar ikkonfermaw dan it-tħassib, partikolarment il-problemi ta' livell baxx ta' kontenut ta' taħriġ u kundizzjonijiet tax-xogħol taħt l-istandard mixtieq. Proporzjon sinifikanti ta' skemi ta' taħriġ fl-Ewropa tal-lum huma taħt l-istandard mixtieq, u ħafna minnhom jissostitwixxu l-impjegji fil-livell tad-dħul f'kumpanija. Fl-aħħar nett, il-proporzjon ta' persuni f'taħriġ li jidħlu fi skema ta' taħriġ barra minn pajjiżhom għadha baxxa ħafna. Waħda mir-raġunijiet ewlenin hija n-nuqqas ta' informazzjoni dwar regoli u regolamenti nazzjonali dwar l-iskemi ta' taħriġ.

### MIN SE JIBBENEFIKA U KIF?

Il-benefiċċjari ewlenin ta' din l-inizjattiva se jkunu l-persuni f'taħriġ, u, b'mod aktar ġenerali, żgħażaġħ li għadhom se jibdeu il-karriera tagħhom. Barra minn hekk, il-fornituri ta' skemi ta' taħriġ se jibbenefikaw minn gwida aktar ċara dwar kif skema ta' taħriġ tista' tkun ta' kwalità għolja. Dan se jintlaħaq billi:

- (1) inżidu l-proporzjon ta' skemi ta' taħriġ ta' kwalità għolja
- (2) niġġieldu l-prattiki ta' abbuż, filwaqt li nżommu l-ispejjeż ta' konformità baxxi għall-fornituri tal-iskemi ta' taħriġ
- (3) intejbu l-informazzjoni dwar l-iskemi ta' taħriġ transnazzjonali u l-aċċess għalihom.

### GĦALIEX HEMM BŻONN LI TAĠIXXI L-UE?

L-UE għandha interess fil-promozzjoni ta' skemi ta' taħriġ ta' kwalità peress li għandha żewġ għanijiet aktar wiesa':

- li tgħin liż-żgħażaġħ jagħmlu l-pass mill-edukazzjoni għax-xogħol
- iżżid iċ-ċaqliq ġeografiku taż-żgħażaġħ

Għalkemm il-pajjiżi tal-UE jistgħu jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persuni f'taħriġ u l-kontenut ta' taħriġ tal-iskemi ta' taħriġ b'mod indipendenti, s'issa ftit kienu dawk li taw bidu għal riformi f'dan is-settur. Peress li għadhom qed jiġu rrapportati l-problemi fl-iskemi ta' taħriġ mal-UE kollha, hemm bżonn tal-koordinazzjoni fil-livell tal-UE biex tiġi f'f' l-azzjoni f'dan il-qasam.

Vantaġġ ieħor ta' metodu koordinat mal-UE kollha huwa li se jgħin biex jiġi estiż il-Portal Ewropew dwar il-Mobilità fix-Xogħol (EURES) għall-iskemi ta' taħriġ.

Finalment, l-iskemi ta' taħriġ mogħtija taħt Garanzija għaż-Żgħażaġħ iridu jkunu ta' kwalità għolja jekk l-għan tagħhom huwa biex iż-żgħażaġħ ikunu aktar impjegabbli u jgħinuhom jidħlu fid-dinja tax-xogħol. L-aħjar mod kif jinkiseb dan huwa billi jiġu definiti u nfurzati standards mal-UE kollha fir-rigward tal-kwalità tal-iskemi ta' taħriġ.

### X'SE JINBIDEL EŻATTAMENT?

Il-pajjiżi tal-UE se jintalbu jiżguraw li l-iskemi ta' taħriġ tas-suq miftuħ jissodisfaw sett ta' standards ta' kwalità. Dawn il-linji gwida se jirriżultaw fi skemi ta' taħriġ li jipprovdu kontenut sod ta' taħriġ, kundizzjonijiet deċenti tax-xogħol, aktar trasparenza fir-rigward tal-ħlas jew kumpens, kopertura tas-

sigurtà soċjali u opportunitajiet aħjar ta' rekrutaġġ hekk kif il-persuni f'taħriġ ikunu spiċċaw il-kollokament.

Linji gwida komuni għandhom ukoll iżidu l-proporzjoni ta' skemi ta' taħriġ transnazzjonali, li jistgħu jgħinu liż-żgħażaġħ isibu impjeg barra minn pajjiżhom.

#### **META HUWA PREVIST LI L-PAKKETT JIDĦOL FIS-SEHR?**

Il-pajjiżi tal-UE mistennija jadottaw ir-rakkomandazzjoni proposta fl-ewwel 6 xhur tal-2014 u jibdew jimplimentaw il-Qafas ta' Kwalità għall-Iskemi ta' Taħriġ mill-aktar fis possibbli, u mhux aktar tard minn tmiem l-2014.